Appell tal-Player Jurgen Borg (Appellant Numru 1) u Senglea Athletic Football Club (Appellant Numru 2) kongjuntament maghrufa bhala l-'Appellant, datat 04 ta' April, 2019, kontra d-Decizjoni tal-*Complaints Board* datata 18 ta' Marzu, 2019 u recepita mill-istess Appellant fil-21 ta' Marzu, 2019, fil-kaz fl-ismijiet - *Jurgen Borg u Senglea Athletic F.C. kontra Hibernians Football Club'*.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Il-Bord ta' l-Appell ha nota tad-Decizjoni tal- *Complaints Bord* datata 18 ta' Marzu, 2019 u recepita mill-Appellant fil-21 ta' Marzu, 2019.

Il-Bord ha nota ukoll ta' decizjonijiet intermedi relatati, mehuda fil-kors ta' dan il-kaz u ezamına u evalwa attentament d-dokumentazzjoni voluminuza u estensiva prodotta fil-kaz, inkluz x-xhiedha u sottomissjonijiet u kontra-sottomissjonijiet eruditi kollha, kemm jekk miktuba u kemm jekk orali, migjuba mill-partijiet.

Il-Bord jippremetti illi fl-evalwazzjoni u fil-konsiderazzjonijiet tieghu filwaqt li kien ferm konxju tal-importanza tal-kaz in ezamı, partikolarment ghal dak li jirrigwarda li stabilita kuntrattwali u l-ekwilibriju fis-salvagwardja ta' drittijet tal-Player minn naha u tal-Klabb minn naha l'ohra, qatt ma xtaq jikkunsidra u fil-fatt ma kkunsidrax l-istess kaz bhala xi battalja bejn parti u l-ohra, izda ried li tittiehed decizjoni gusta bbazata fejn hu possibbli fuq provi sodi, cari u tangibbli u mhux fuq inferenzi u supposizzjonijiet, anki jekk dawn a kwalunkwe bwon fini jistghu jkunu moralment gustifikati jew fizikament plawzibbli, f'cirkostanzi, bhal fil-kaz in ezamı, fejn ikun hemm lakuna/i fir-regolamenti vigenti.

Il-Bord ra' l-Appell ta' Jurgen Borg u Senglea Athletic F.C. datat 04 ta' April 2019, flimkien mad-dokumenti kollha hemm annessi.

Fil-qosor il-fatti li taw lok ghal kaz in ezami u eventwalment ghal dan l-Appell, kienu s-segwenti:

1. Jurgen Borg iffirma kuntratt mal-Hibernians F.C. validu mid-19 ta' Gunju 2014 sat- 08 ta' Gunju 2019 u dan (skont Klawzola 3 tal-istess kuntratt) versu l-pagament gross ta' Tlett Mija u Hamsin Euro (EUR 350) pagabbli mill-Klabb lill-Player fi tmiem kull xahar tad-durata tal-kuntratt.

2. F'Lulju 2017 il-Player saqsa lill-Klabb jekk setghax jerga imur b'self ma klabb iehor matul l-Istagun 2017/2018. Skont l-Appellant l-Klabb irrisponda illi dan kien lest li jilqa din it-talba kemm il-darba l-player jaccetta li jgedded il-kuntratt tieghu fuq imsemmi mal-Hibernians F.C. u jestendieh b'sentejn ohra.

3. L-Appellant ma laqax din it-talba u ma ffirmax l-estensjoni, bil-Klabb jibqa (allegatament f'diversi okkazjonijiet) jinsisti li jekk hu ma igeddidx l-kuntratt u jiffirma l-estensjoni, ma kienx sejjer jifforma parti mill-Iskwadra fir-Rawd ta' Kwalifikazzjoni tal-Champions League f'Lulju 2017 u li ukoll '*he would be left outside the squad for the remaining two years of the Contract'.*

4. Il-Player minn naha tieghu ikkonsidra dan l-allegat theddid bhala rikatt u qal li wara valutazzjoni tac-cirkostanzi kollha huwa deherlu li kellu zewg toroq miftuhin ghalih u cjoe, jew li

*(To) Accept the extension period, go on loan, but potentially find himself in the same situation at the end of the season and ad infinitum'* jew alternattivament '*refuse the extension proposal and spend the remaining period of his contract left out of the squad'* ghal dak li huwa jiddeskrivi bhala '*non-sporting reasons'.*

*5.* L-Appellant qal li din is-sitwazzjoni rrizultat fil-ksur tar-relazzjonijiet bejnu u bejn il-Klabb u sostna (kif allega hu) li l-Hibernians baqghu jaghmlu pressjoni fuqu sabiex jew igedded il-kuntratt jew jithalla barra mill-iskwadra. Huwa sostna li fl-opinjoni tieghu kien hemm '*ample grounds for termination of contract for just cause'.*

6. L-Appellant qal li hu kkunsidra *' asking for termination of contract based on just cause'* izda huwa kien inghata parir li l-procedura (inkluzi anki appelli possibbli) setghet tiehu fit-tul u konsegwentement setghet tiddanneggja l-prospetti tieghu li jiffirma kuntratt ma klabb iehor qabel tmiem it-'T*ransfer Period'* u cjoe qabel il-31 ta' Awissu 2017.

7. Huwa qal li minhabba f'hekk iddecieda *'to proceed with a unilateral termination'* taht l-Artiklu 17 tar-Regolamenti tal-FIFA dwar l-Istatus u t-Trasferiment *t*a' Players, u baghhat '*a notice of termination to the Club on the 01st August 2017 to this effect'.*

L-Appellant qal li '*This decision is based on procedural reasons to ensure swift resolution to his contractual relationship with the Club and is NOT an acceptance that he did not have grounds to terminate for just cause'.*

Fl-Appell tieghu l-Appellant primarjament talab lill-Bord tal-Appell jiddikjara li:

1. *That the Player did have just cause to terminate the Contract and to (*consequently*) award the player damages equivalent to the full residual value of the contract plus Five per centum (5%) interest*

u skondarjament f'kaz li l-ewwel talba ma tigix milqugha, l-Bord ghandu jilqa l-appell tieghu kontra

2.*The quantification of damages based on the Club's allegations that there was no just cause.*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**1. TERMINAZZJONI BAZATA FUQ 'JUST CAUSE'**

Il- brocard *'pacta sunt servanda'* huwa principlu tal-ligi civili li essenzjalment ifisser illi l-pattijiet miftehma u elenkati fil- ftehim ghandhom jigu attwati u onorati. Il-pattijiet fil-ftehim/kuntratt jikkostitwixxu ligi bejn il-partijiet u n-nuqqas ta' attwazzjoni taghhom minn xi parti jikkonstitwixxi ksur ta' kuntratt. Huwa prezunt li l-partijiet li jkunu dahlu fi ftehim/kuntratt

ikunu ghamlu hekk in bwona fede u ghalhekk kwalunkwe kondotta abusiva ta' xi wahda mill-partijiet sabiex tisforza lill-kontroparti tittermina jew tbiddel jew taccetta kundizzjonijiet godda fil-kuntratt, tintitola lil kontroparti lesa (player jew klabb) li tittermina l-ftehim/kuntratt minhabba gusta kawza (*just cause).*

Huwa propju dan li qed jallega l-Appellant fil-konfront ta' Hibernians F.C., allegazzjoni michuda bis-sahha minn dawn tal-ahhar li oltrepju sahqu li l-Appellant ma kien gab l-ebda prova sabiex jissostanzja dak li kien qed jghid. Huwa pacifiku u accettat minn kulhadd illi allegazzjoni, anki jekk fid-deher plawzibbli, ma hijiex prova, aktar u aktar prova li legalment tiggustifika thassir jew ksur ta' ftehim/kuntratt.

Minn ezami tax-xhiedha u tad-dokumentazzjoni kollha prodotta, ma jirrizultax illi l-Appellant (ghajr dak li allega hu) gab xi prova li l-Hibernians F.C.insistew mieghu diversi drabi, b'theddida li jekk ma jiffirmax, huwa ma kienx sejjer jifforma parti mill-iskwadra li kellha tippartecipa fir-Rawnd ta' Kwalifikazzjoni tac-Champions League (fil-fatt l-Appellant kien gie maghzul sabiex jifforma parti mix-'*short list'*, izda ma kienx fl-ghazla finali tal-iskwadra li laghbet). Lanqas ma jidher li ngiebet xi prova li huwa kien *'repeatedly coerced into signing an extension to his 5-year contract, followed by the threat of leaving him out of the squad if he does not sign'*. Il-Bord huwa sorpriz kif stante dawn l-allegazzjonijiet serji l-Appellant ma hassx l-bzonn bejn Lulju 2017 (meta inqalghet il-kwistjoni) u l-4 ta' Awissu 2017 (meta baghat ittra lill-Hibernians F.C. li biha infurmhom li unilateralment kien qieghed jittermina l-kuntratt), li jiehu dik l-azzjoni, taht kwalunkwe cirkostanza ferm logika li almenu jikteb formalment lill-Klabb jew a kwalunkwe bwon fini lill-M.F.A. u ipoggi iswed fuq l-abjad l-protesta tieghu kontra l-allegat theddid. Ma hemmx dubju li ittra ta' protesta simili kienet tkun ferm utli ghal kawza tieghu. Huwa fatt li l'hekk imsejjah '*material evidence'* li l-Appellant isemmi fl-Appell tieghu (Esibit 1 sa Esibit 8) kollha originaw **wara** t-terminazzjoni unilaterali tal-Kuntratt mill-Player (Esibit 1) u bl-ebda mod ma jikkostitwixxu prova ghal fini ta' gusta kawza.

Kif jghid hu stess l-Appellant '*considered asking for termination of contract based on just cause but was advised that this process may take some time as the procedure and possible appeals* process *that may follow could be lengthy'.* Huwa jzid li *'This decision is based on procedural reasons to ensure a swift resolution to his contractual relationship with the Club and* ***is not an acceptance that he did not have grounds to terminate for just cause'.***

L-Appellant ghazel li liberament isegwi l-parir mghoti lilu u ha l-azzjoni li ha - u cjoe mhux dik ta' *termination of contract based on just cause'* - ghax ghar-ragunijiet li jaf hu biss deherlu li proceduralment l-azzjoni kienet tintemm b'iktar speditezza. Infatti fl-Esibit 1 (ittra ta' terminazzjoni mibghuta lill-Klabb fl-1 ta' Awissu 2017) huwa ma isemmiex il-gusta kawza (*just cause)* u konsegwentement inqas u inqas isemmi illi t-terminazzjoni unilaterali ma kenitx tfisser li t-terminazzjoni unilaterali minn naha tieghu ma kenitx ghal gusta kawza.

Infatti konsistentement u in lineja ma dak li jinghad fuq, waqt is-Seduta tal-*Complaints Board* tal-21 ta' Awissu 2017, l-Avukatessa Dr. Sihon Gauci li dehret mas-Sur Carlo Mamo ghall Appellant, kif hemm imnizzel fil-Minuti tal-istess laqgha

**'ikkonfermat *seduta stante* li Jorgen Borg (l-Appellant) ghazel li jittermina unilateralment il-kuntratt minn ma Hibernians F.C. *without just case.* Infatti fl-ittra Carlo Mamo ghan-nom ta' Jurgen Borg jghid testwalment *illi.....The Player decided to proceed with the unilateral termination under Article 17 of the FIFA Regulations on the Status and Transfer of Players and filed a notice of termination to the Club on the 01st August 2017 to this effect.***

Matul din is-Seduta, Dr. Gauci meta giet mistoqsija ghal darba darbtejn mic-Chairman tal-Bord, l-Avukat Dottor Aldo Vella, jekk kenitx certa minn dak li kienet qed tghid u cjoe li Jurgen Borg ghazel li jittermina il-kuntratt unilateralment minn ma Hibernians F.C. - *without just cause* - u kenitx qeghda tikkonferma dan - hija darbtejn irrispondiet posittivament.

Affaccjat b'dawn id-dikjarazzjonijiet u b'dan l-istat ta' fatt il-*Complaints Board* ma setax ma jiehux nota tal-ammissjoni cara u inekwivoka tar-rapprezentanti tal-Appellant illi huwa kien ittermina l-kuntratt minghajr gusta kawza. Kif jghid it-Taljan *punto e basta.* Din id-dikjarazzjoni hija intrinsikament indipendenti u separata u l-valur taghha u l-konsegwenza u decizjoni emanenti minnha huma bl-istess mod unici ghal-kaz ghax joriginaw minn u huma fl-istess hin ristretti ghal parametri ta' kontenut tad-dikjarazzjoni maghmula. Kwalunkwe attentat ta' addizzjoni u/jew gustifikazzjoni ma huwa xejn aktar minn u ma jzid u ma inaqqas xejn mill-valur tad-dikjarazzjoni *per se.*

Il-Bord tal-Appell ma jaqbilx li l-*Complaints Board* '*contrary to the instructions of CAS'* (sic) naqas li jikkonsidra il-kwistjoni indipendentement u separatament mill-process tal - '*cancellation of the registration'.* Anzi ghal-kuntrarju d-decizjoni tal-*Complaints Board* ma setghetx tkun iktar indipendenti u separata. Oltre pju l-kawzali tal-kaz quddiem il-CAS kienu differenti minn dawk quddiem il-C*omplaints Board.* Quddiem il-CAS ma saret l-ebda talba la mill-Appellant u lanqas mill-MFA ( li kienu il-partijiet fil-kawza - il-Hibernians F.C.ma kenux) sabiex l-istess CAS jiddikjara jekk il-kuntratt bejn l-Appellant u l-Hibernians F.C.kienx gie itterminat ghal gusta kawza. Kif korrettament jindikaw il-Hibernians F.C fis-sottomissjoni taghhom il-CAS fil-Punt 75 tad-Decizjoni tieghu jghid li d-decizjoni - '*whether the termination of the employment contract is justified or not.....is to be considered independently and separately from the cancellation of the registration'.*

Kif il-Bord gja kellu okkazjoni jghid fuq, l-Appellant naqas li jgib provi, iktar u iktar provi cari u inekwivoci, biex jipprova l-'*just cause'* u dana naturalment apparti l-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' Dr. Sihan Gauci, ukoll imsemmija fuq, li ghal kuntrarju titkellem fuq in-**nuqqas** ta' gjusta kawza. L-Appellant ibbaza ruhu biss fuq allegazzjonijiet mhux pruvati u inferenzi u hekk per ezempju fil-Klawzola 1.2.3 tal-Appell tieghu jghid testwalment

*It is very telling to note that the Club, has never, in any of its submissions contested the player's claim that he was given an ultimatum....not so thinly veiled.'*

u jargumenta il-punt fil-Klawzola 1.2.4.successiva. Kif gjustament jirrilevaw il-Hibernians F.C.fis-sottomissjoni taghhom, kien l-Appellant li ittermina l-kuntratt unilateralment u mhux il-klabb u konsegwentement skont principju legali maghruf l-oneru tal-prova biex tigi sostnuta allegazzjoni li tkun saret, jaqa biss fuq dik-il-parti li tkun ghamlet l-allegazzjoni, fi kliem iehor irid ikun hemm preponderanza ta' provi migjuba minn min jallega (li f'dan il-kaz ma jezistux) li

jkunu bizzejjed li jissopportaw l-allegazzjoni jew l-argument. Inferenzi l-istess bhall-allegazzjonijiet ma humiex bizzejjed u huma ovvjament n*on-starters.* Dan il-Bord kif gja kellu okkazjoni jghid iktar il-fuq, ihoss illi l-Appellant ma gab l-ebda prova li tista b'xi mod issostni t-talba tieghu li huwa ttermina l-kuntratt unilateralment u prematurament minhabba gusta kawza. Minn imkien ma irrizulta lill-dan il-Bord li Hibernians F.C. kienu ezercitaw xi forma ta' '*coercion'* fuq l-Appellant, jew hedduh u /jew intimidawh u / jew irrikattawh u ghalhekk jaqbel kompletament mad-dikjarazzjoni tal-*Complaints Board* illi l-allegazzjonijiet tal-Appellant ma gewx ippruvati u konsegwentement jaqbel ukoll mad-dikjarazzjoni li l-Appellant kien ittermina l-kuntratt li kellu ma Hibernians F.C. minghajr gusta kawza.

**Il-Bord tal-Appell ghalhekk filwaqt li jikkonferma illi l-Appellant ittermina l-Kuntratt li kellu mal-Hibernians F.C.datat 19 ta' Gunju 2014 minghajr gusta kawza (*just cause),* jichad it-talba tal-istess Appellant sabiex jigu assenjati lilu danni ekwivalenti ghall *full residual value* tal-istess kuntratt u cjoe EUR 7700 (Seba' telef u Seba mitt-Ewro) flimkien ma interessi ta' Hamsa fil-Mija (5%) mid-data ta' terminazzjoni.**

2. **<u>KWANTIFIKAZZJONI TA’ DANNI BAZATI FUQ L-FATT LI L-APPELLANT ITTERMINA L-KUNTRATT MINGHAJR GUSTA KAWZA.</u>**

L-Appellant jissottometti illi l-mekkanizmu parametriku (*parameter mechanism)* f’Malta huwa l-metodu li ghandu jigi uzat sabiex jigu kwantifikati d-danni li jkunu dovuti wara li wahda mill-partijiet tkun instabet li unilateralment itterminat il-kuntratt minghajr gjusta kwaza qabel t-tmiem pattwit.

*Il-kuncett tal-parametri huwa trattat f’Sezzjoni IV tal-Istatut tal-MFA u huwa definit bhala “***<u>The Control of Transfer Fees and Loan Fees and the parameters for the Liquidation of due Compensation Applicable in the Transfer of Players”.</u>** Kif isemmi l-*Complaints Board* fid-Decizjoni tieghu, specifikatament_fl-Annex 1 Parti A (**Control of Transfer Fees and Loan fees),** l-Artiklu 2 (**The Payable Transfer Fee)** fis-Sub Inciz (i) jitkellem dwar ‘*players whose obligatory period of service, contractual or statutory would have come to an end’* u fis-sub-Inciz (ii) jitkellem dwar dawk il-players ‘*whose obligatory period of service according to the player’s contract would not have yet come to an end’* u jghid li *‘the transfer fee to be paid shall be the one agreed by both Member Clubs without any consideration to any parameters fixed by the Council under these Regulations’.*

Kif korretttament jissottomettu Hibernians F.C. u kif gjustament sanzjonat mill-*Complaints Board* bid-Decizjoni tieghu tat-18 ta’ Marzu, 2019 fir-rigward, is-sistema parametrika tapplika **<u>biss</u>** meta l-perijodu statutorju jew kuntrattwali tas-servizz obbligatorju tal-Player lill-Klabb jigi fit-tmiem naturali tieghu. Dan ma huwiex il-kaz hawnhekk, mhux biss ghax fil-kaz in ezami ma hawn involut l-ebda transfer ta’ Player mill-Klabb, izda hemm ukoll terminazzjoni unilaterali minn Player ta’ kuntratt qabel l-iskadenza tal-perijodu ta’ servizz obbligatorju pattwit.

Kif gjustament jirrileva il-*Complaints Board* fid-Decizjoni tieghu *transfer fee* stabbilit abbazi tas-sistemi parameterici ghal trasferiment ta’ Player ‘*whose obligatory period of service,*

*contractual or statutory, would have come to an end'* hija ghal kollox differenti minn dawk pretizi minhabba terminazzjoni unilaterali qabel l-iskadenza tal- *obligatory period of service.*

L-applikazzjoni tal-Artiklu 17 tal-FIFA -RSTP-– **(Consequences of terminating a Contract without a just cause)** huwa ferm korrett u floku. Fis-sub-Artiklu 1 jinghad illi '*in all cases, the party in breach shall pay compensation'.* Fil-Matuzalem Award jinghad *inter alia* illi dan l-Artikolu *'does not provide the legal basis for a party to freely terminate an existing contract at any time, prematurely without just cause. Rather the provision clarifies that a compensation will be due'.* Fl-Award jinghad ukoll illi terminazzjoni ta' kuntratt minghajr kawza gusta tikkostitwixxi *'a serious violation of the obligation to respect an existing contract and does trigger the consequences set out in Article 17 FIFA Regulations -RSTP'.* Kif hemm dikjarat dan l-Artikolu '*does not give a party, neither a Club nor a Player, a free pass to unilaterally breach an existing agreement at no price or at a given fixed price'.*

Infatti is-sub-Artiklu 1 fuq imsemmi li jitkellem li *'the party in breach shall pay compensation'* jghid ukoll *inter alia* li '*comprensation for the breach shall be calculated with due consideration for the law of the country concerned, the specificity of sport and any other objective criteria'* li in partikolari ghandom jinkludu *'the remuneration and other benefits due to the player under the existing contract and/or the new contract, the time remaining on the existing contract up to a maximum of 5 years, the fees and expenses paid or incurred by the former club (amortized over the term of the contract) and whether the contractual breach falls within a protected period'.*

Stante_c-cirkostanzi tal-kaz u wara konsiderazzjoni akkurata tal-argumentazzjoni dettaljata kemm mill-klabb u kemm mill-Player, dan il-Bord ihoss illi l-*Complaints Board* kien korrett li jiddeciedi illi l-applikazzjoni tal-Artiklu 17 tar-Regolamenti tal-FIFA – RSTP dwar l-Istatus u t-Trasferiment tal-Players, ghandu jaghmel ghal dan il-kaz.

**In vista ta' dan il-Bord jikkonferma d-Decizjoni tal-*Complaints Board* li biha l-istess Bord cahad is-sottomissjoni tal-Player '*that the parameter system is the only mode of quantification applicable currently in Malta'* u li '*If any damages are to be awarded to the Club, then these can only be based on the parameter system based in Malta'*.**

<u>**Allegata Interpretazzjoni Zbaljata tal-Artiklu 17 tar-Regolamenti tal-FIFA – RSTP u applikabilita' tal-Ligi Maltija**</u>

Fl-Appell tieghu l-Appellant issottometta li l-*Complaints Board* kien zbaljat meta ma accettax l-argument tieghu kontra l-applikazzjoni tal-Ligi Maltija f'dan il-kaz.

In meritu l-Bord qal li f'Malta dak li hemm stipulat fil-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ta' ordni pubbliku u li ghac-cirkostanzi tal-kaz l-Artiklu 36(12) jipprovdi li l-impjegat li jitlaq is-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt tas-servizz ghandu jhallas lill-principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha hu kien jkollu jedd kieku huwa baqa fis-servizz ghal-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem.

L-Appellant ma ghandu l-ebda diffikulta dwar il-kontenut tal-Artiklu in kwistjoni per se jew dubju dwar jekk dak li hemm stipulat fil-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta huwiex materja ta' ordni pubblika. Il-lanjanza tieghu hija dik li hu jiddefinixxi bhala kontradizzjoni mill-*Complaints Board* '*when it argues that Chapter 452 must be applied because it is a matter of public order and then going at the same time against Chapter 452 when it awards damages which do not exist under it'*.

Dan il-Bord ma jaqbilx ma din l-argumentazzjoni ghax hu ma jara l-ebda interpretazzjoni zbaljata tal-Artiklu 17 (FIFA -RSTP) meta dan gie applikat flimkien ma dak li jispecifika il-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-opinjoni konsiderata tal-Bord dan l-Artiklu huwa kumplimentari u supplimentari ghal-ligi Maltija li bl-ebda mod ma hija intakkata jew b'xi mod kontradetta bl-applikazzjoni tal-istess Artiklu 17. Anzi il-Bord jemmen li l-applikabilita' tieghu hija necessarju sabiex l-kalkulazzjoni tad-danni tkun mhux biss *'just and fair'* izda ukoll *'transparent and comprehensible'* sabiex taghmel tajjeb ghall-ispecifita' rikjesta u applikabbli taht ir-Regolamenti tal-Football li ma hemm dubju ma kienux ittiehdu in konsiderazzjoni *(*ghax ma kienux maghrufa specjalment kif evolvew maz-zmien), meta gie redatt il-Kap. 452.

**Il-Bord tal-Appell ghalhekk jichad it-talba tal-Appellant u jiddikjara li fil-kwantifikazzjoni ta' danni il-*Complaints Board* kien korrett meta applika kemm il-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u kemm l-Artiklu 17 (FIFA – RSTP)**

**<u>Compensation due for early Termination according to Maltese Law</u>**

Il-Bord tal-Appell jikkonferma l-korrettezza tal-kompensazzjoni dovuta lill-Hibernians F.C. wara t-terminazzjoni unilaterali minghajr gusta kawza mill-Appellant tal-kuntratt, kif komputata abbazi tal-Artiklu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta - li tammonta ghal EUR 3897 (Tlett Elef Tmien Mija u Seba u Disghin Ewro). Din giet mahduma fuq nofs (50%) tal-pagament mensili ta' EUR 350 (Tlett Mija u Hamsin) ghal perijodu ta' 22 xahar u 8 tijiem, li jirraprezenta l-perijodu rimanenti sabiex jintemm il-kuntratt.

**<u>Value of the service of the Player</u>**

Hibernians F.C. iddikjaraw li permezz ta' *barter deal* huma kien kisbu s-servizzi tal-Appellant Jurgen Borg minghand Floriana F.C. bi bdil mal-Player Steve Pisani. Il-Hibernians sostnew illi peress li l-valur parametriku ta' Steve Pisani dak iz-zmien (Lulju 2014) kien ta' EUR 74,000 (Erba u Sebghin Elf Ewro) u Floriana F.C. kienu hallsu lill- Hiberniana F.C. EUR 20,000 (Ghoxrin Elf Ewro),
ghalhekk b'semplici kalkolu aritmetiku Jurgen Borg kien qamilhom EUR 54,000 (Erba u Hamsin Elf Ewro). Il-*Complaints Bord* kien laqa din il-valutazzjoni u kkwantifika l-kompensazzjoni dovuta lill-Hibernians F.C. (22 xhar u 8 tijiem rimanenti ghat-tmiem tal-kuntratt) ghal wahda ta' EUR 20,039 (Ghoxrin Elf u Disa u Tletin Ewro) li minnhom kellha titnaqqas is-somma ta' EUR 9,000 (Disa Telef Ewro) mhallsa minn Senglea Athletic F.C. wara li akkwistaw is-servizzi ta' Jurgen Borg minghand Hibernians F.C.

L-Appellant ghal-diversi ragunijiet elenkati taht l-Artiklu 3.2 (***Value of Service of the Player)*** fl-Appell tieghu, ma jaqbilx ma din il-valutazzjoni u kif irrileva fi 3.2.4. jghid *'Hibernians F.C. in 2014 made a deal which saw them trade* a player valued at EUR 74,000 (Steve Pisani) *in exchange for a player valued at EUR 11,434* (L-Appellant)' u li stante li f'dan ir-rigward Hibernians F.C. ircevew EUR 20,000 minghand Floriana F.C., din finalment kienet tfisser li l-Hibernians F.C. bidlu player ta' EUR 54,000 ma wiehed li jiswa EUR 11,434. L-Appellant jghid li a kwalunkwe bwon fini din tidher li kienet *an unwise deal , but it is the deal they made'.* Huwa isostni li *allavolja* l-Appellant *'has no say or control over this deal'* bid-Decizjoni tal-*Complaints Board* kien qed jigi obbligat li jhallas ghad-danni biex jaghmel tajjab ghal *'a terrible deal made by somebody else.'* Oltre pju huwa sostna li l-*Complaints Board* naqas li japplika '*the concept of forseeability'.* Qal ukoll li l-valur parametriku ta' Steve Pisani fl-2014 '*is not an objective criteria for computation of damages'.*

Minn naha tieghu b'risposta ghal dan l-argument l-gharef difensur ta' Hibernians F.C. qal li l-Appellant deher li ma fehemx illi kemm Floriana F.C. u kemm Hibernians F.,C. ma kienux kostretti bir-Regolamenti tal-MFA li jikkonkludu l-*barter* bil-valuri indikati u r-rejalta' kienet li z-zewg Klabbs qablu li l-valuri parametrici stabbiliti dak iz-zmien mill-MFA '*was in their opinion reflective of the market value of both players'.* Ghalhekk dan '*was not a compensation but a voluntary agreement between the clubs as to the value of both players at the time'.*

Il-Bord tal-Appell ma jaqbilx ma dan ir-ragunament u jhoss illi s-sottomissjoni ta' Hibernians F.C. f'dan ir-rigward ma taghmilx ghar-rejalta u ma tiggustifikax l-ghazla ta' EUR 54,000 bhala s-somma li tirrifletti l-valur rejali tal-Appellant. Apparti li din l-ghazla fiha infisha zgur li kienet ta' detriment ghal-Appellant, huwa zgur ukoll li ma kenitx riflessjoni gusta tal-pagament modest (definizzjoni tal-*Complaints Board)* ta' EUR 350 li l-Appellant kien qed jippercepixxi mensilment. Din hija figura sproporzjonata taht kwalunkwe aspett. Ghall kuntrarju il-Bord ihoss illi kif gjustament rilevat mill-Appellant fi 3.2.6 tal-Appell tieghu, l-ftehim bejn Hibernians F.C. u Floriana F.C., juri car *'black on white that Hibernians would have paid Floriana EUR 25,000 to retain Jurgen Borg, had the trade between the players not happened'.* Dan huwa stipulat car u tond fil-ftehim bejn iz-zewg klabbs (Esibit No. 15). Huwa manifestament car ukoll ghal dan il-Bord illi dan id-dokument (miftiehem, accettat u sanzjonat bejn iz-zewg klabbs kontraenti) ma jistax ghal ragunijiet leggeri u/ jew mhux maghrufa jigi kapriccjosament skartat – u dan ghax huwa wiehed li juri ezattament u oggettivament il-valur rejali ta' Jurgen Borg.

**In vista ta' dan ghalhekk, il-Bord tal-Appell filwaqt li jiddikjara li l-valur tal-Player Jurgen Borg ghall fini ta' dan il-kap huwa ta' EUR 25,000 (Hamsa u Ghoxrin Elf Ewro) u mhux EUR 54,000 (Erba u Hamsin Elf Ewro) kif deciz mill-*Complaints Board*, jillikwida u jnaqqas d-danni f'dan ir-rigward minn EUR 11,029 ghal EUR 275 (Mitejn u Hamsa u Sebghin Ewro)***

***(22.25 xhur divizi b'60 xhar X EUR 25,000 = EUR 9,275 bi tnaqqis ta' EUR 9,000 mhallsa minn Senglea Athletic F.C. lill-Hibernians F.C. ghas-servizzi mill-Appellant.**

<u>**GZIRA UNITED F.C.**</u>

Il-Bord tal-Appell ma jaqbilx illi t-EUR 3,000 (Tlett Elef Ewro) mhallsa mill-Gzira United F.C. lill-Hibernians F.C.ghas-servizzi ta' Jurgen Borg ghandhom jitnaqqsu minn dak l-ammont li talvolta jkun likwidat favur l-istess Hibernians F.C. It-transfer '*on loan'* tal-player saret is-sena qabel ma inqala il-kaz u fic-cirkostanzi ma ghandha x'taqsam xejn.

**<u>IL-POSIZZJONI TA' SENGLEA ATHLETIC F.C. LI GEW IMSEJJHA FIL-PROCEDURA</u>**

Skont l-Artiklu 17(2) tar-Regolamenti tal-FIFA RSTP…….*If a professional is required to pay compensation, the professional and his new Club shall be jointly and severally liable for its payment'*. F'dan ir-rigward ghalhekk Senglea Athletic F.C. ghandhom jigu ritenuti responsabbli solidalment mal-Player ghad-danni dovuti lill-Hiberniana F.C.

**<u>LIKWIDAZZJONI</u>**

Stante dak kollu premess id-danni huma likwidati favur Hibernians F.C. fl-ammont ta' EUR 4,172 (Erba Telef Mija u Tnejn u Sebghin Ewro) b'imghax ta' Hamsa fil-Mija (5%) li ghandu jibda jiddekorri mid-Data tad-Decizjoni tal-*Complaints Board* u cjoe mit-18 ta' Marzu, 2019.

In vista to dak li intqal fuq ghalhekk, il-Bord tal-Appell jichad it-talbiet tal-Appellant denominati bl-ittri A, B, C, D u F - f'Pagna Dsatax (19) tal-Appell tieghu, filwaqt li jilqa t-talba denominata bl-ittra E - fl-istess pagna u konsegwentement

(1) Jikkonferma d-Decizjoni tal-*Complaints Board* u jiddikjara li l-Player ittermina l-Kuntratt tieghu mal-Klabb *'without just cause'.*

(2) Jikkonferma d-Decizjoni tal-*Complaints Board* u jichad l-eccezzjonijiet u l-kontra-talba mressqa mill-Player.

(3) Jikkonferma d-Decizjoni tal-*Complaints Board* u jiddikjara li l-Player u Senglea Athletic F.C. huma solidalment responsabbli ghall hlas tad-danni subiti mill-Klabb konsegwentement ghat-terminazzjoni mill-Player tal-kuntratt li kellu mal-istess Klabb (Hibernians F.C.)

(4) Jillikwida id-danni fl-ammont ta' EUR 4,172 (Erba Telef, Mija u Tnejn u Sebghin Ewro), flimkien mal-imghax bir-rata ta' Hamsa fil-Mija (5%) fis-sena, b'effett mid-Decizjoni tal-*Complaints Board* tat-18 ta' Marzu 2019.

(5) Jordna lil-Player Jurgen Borg u lill-Senglea Athleitc F.C. solidalment bejnithom, ihallsu lill-Klabb ta' Hibernians F.C. is-somma ta' EUR 4,172 flimkien mal-imghax bir-rata ta' Hamsa fil-Mija (5%) b'effett mit-18 ta' Marzu 2019 (data tad-Decizjoni tal- *Complaints Board*) **sa mhux aktar tard minn nofs-in-nhar tat-Tnejn, 20 ta' Lulju 2020** u dana kontra r-rilaxx minn Hibernians F.C. tad-debita ricevuta ghas-saldu u dan skont ftehim milhuq bejn il-partijiet kollha kif espress fid-Decizjoni Preliminari tal-Bord tal-Appell datata l-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2019.

(6) Id-Depoziti ta' EUR 120 ghandu jithallas lura lill-Appellant Jurgen Borg. Il-Player u Senglea Athletic F.C. ghandhom ihallsu solidament bejnithom is-somma ta' EUR 120 (Mija u Ghoxrin Ewro).

___________________________________
Ronald D. Cuschieri (Dr) - Chairman

____________________________________
Is-Sur Charles Deguara - Membru

_____________________________________
Abigail Gauci (Dr.) - Membru

Illum, 06 ta' Lulju 2020